# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Diċembru, 2024.**

**Numru 21**

**Rikors numru 1047/16/2 GM**

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima u b'digriet tas-27 ta' Frar 2020 ġie mibdul għal Segretarju Permanenti għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali**

**v.**

**1) Peter Axisa f'ismu personali kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables);**

**2) Joseph Mary Farrugia għan-nom u in rappreżentanza ta' Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables); u b'digriet tal-10 ta' Lulju 2019 ġew maħtura l-kuraturi Dr Martha Mifsud u PL Peter Paul Sammut in rappreżentanza ta' persuna mhux magħrufa tal-entità Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables);**

**3) Saviour Gauci għan-nom u in rappreżentanza ta' Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables) u b'digriet tal-11 ta' Frar**

**2022 ġew nominati Dr. Victor Bugeja u P.L. Quentin Tanti bħala kuraturi Deputati stante l-mewt ta' Saviour Gauci**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut Peter Axisa f'ismu personali biss, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17 ta' Settembru, 2020, li biha huwa ġie kkundannat flimkien mal-Kuraturi Dr. Martha Mifsud u l-PL Peter Paul Sammut, kif ukoll ma' Saviour Gauci f'isem Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables), sabiex iħallsu lill-attur is-somma ta' €73,212.41, bl-ispejjeż kemm tal-kawża kif ukoll dawk tal-mandati kawtelatorji, flimkien mal-imgħax legali mid-data tal-ewwel ittra uffiċjali sal-jum li fih sejjer ikun qiegħed isir il-ħlas.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fil-15 ta' Novembru, 2016, is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, qal li b'kitba tat-3 ta' Mejju 2006, il-konvenuta *Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables)* (minn issa 'l hemm imsejħa bħala «**TQPG**») daħlet fi ftehim mas-Segretarju Permanenti ta' dak iż-żmien dwar l-użu ta' binja li tinsab fis-suq tal-Pitkalija ġewwa Ta' Qali.

3. Fisser li minkejja li TQPG kienet intrabtet miegħu li tagħmel tajjeb

għall-kontijiet kollha b'rabta mal-konsum tad-dawl u tal-ilma minn dik il-binja li ngħatatilha għall-użu tagħha, din baqgħet qatt ma ħallset dawk il-kontijiet — tant li sat-28 ta' Jannar, 2014, il-kont pendenti nġema' għal €63,338.05.

4. Ilmenta li kien kollu ta' xejn li huwa ġera wara l-konvenuti sabiex iħallsu dawk il-kontijiet, u qal li għalkemm il-provditur tad-dawl u tal-ilma kien saħansitra waqqaf is-servizz, madankollu l-ammont dovut fuq il-kontijiet pendenti baqa' xorta waħda jiżdied minħabba l-imgħaxijiet.

5. Issokta billi fisser li f'Novembru tas-sena 2015 huwa kien jeħtieġlu juża s-servizzi tad-dawl u tal-ilma li kien hemm fil-post li dwaru sar il-ftehim tat-3 ta' Mejju, 2006, u stqarr li sabiex seta' jagħmel hekk huwa kellu jħallas l-ammont pendenti li tħalla minn TQPG. Sa dakinhar dan kien laħaq tela' għal €73,212.41.

6. Fuq il-premessa li l-konvenuta TQPG ma tgawdix minn responsabbiltà limitata, u li għalhekk Peter Axisa kien ukoll responsabbli f'ismu personali, l-attur ressaq din il-kawża u talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju jħallsu lir-rikorrent l-ammont ta' tlieta u sebgħin elf, mitejn u tnax-il ewro u wieħed u erbgħin ewro ċenteżmi (€73,212.41) bl-ispejjeż u drittijiet, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru preżentat in konnesjoni ma' din il-kawża u tal-ittri uffiċjali bin-numri 1351/2014, 1704/14, 705/2015 u 23/2016 bl-imgħax legali.»*

7. Bi tweġiba maħlufa mressqa fl-20 ta' Diċembru, 2016, il-konvenut Joseph Mary Farrugia f'isem il-konvenuta TQPG laqa' għal din il-kawża b'dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Fl-ewwel lok l-esponenti nomine mhuwiex il-leġittimu kontradittur stante li huwa kien irriżenja minn Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables) sa mis-26 ta' Frar, 2014 u dan il-fatt kien magħruf mir-rikorrenti;*

*2. Illi bla preġudizzju għall-premess l-esponenti ma kellux x'jaqsam mal-kreditu reklamat billi t-tmexxija tal-Group kienet affidata fl-intimat Peter Axisa fil-kwalità tiegħu ta' CEO, tant li l-ewwel ittra uffiċjali datata 30 ta' April, 2014 ġiet mir-rikorrenti intimata lil dan waħdu. Daqstant ieħor l-esponenti ma kellux x'jaqsam fit-tiġdid tal-kuntratt li seħħ fl-2011;*

*3. Illi f'kull każ u bla preġudizzju, b'ittra datata 7 ta' Marzu, 2014 ir-rikorrenti ttermina l-Managment Agreement b'effett mit-18 ta' Marzu, 2014 u jekk allura r-rikorrenti iddeċieda li jħallas f'ismu dak dovut mill-Group, huwa ma ġiex b'daqshekk imdaħħal fil-jeddijiet tal-kreditur li lilu l-ħlas kien dovut. F'kull każ ukoll l-esponenti ma għandux ibati xi sehem la mis-somma kapitali dovuta u wisq inqas mill-imgħaxijiet fuq l-istess somma;*

*4. Illi barra minn dan ir-rikorrent għandu dejjem iġib prova tal-ħlas li jallega li għamel lill-fornitur tad-dawl u l-ilma.»*

8. Aktar tard fil-21 ta' Marzu, 2017, il-konvenut Peter Axisa f'ismu personali u f'isem TQPG, kif ukoll il-konvenut l-ieħor Saviour Gauci f'isem TQPG biss, ressqu tweġiba oħra flimkien bejniethom li fiha qajmu dawn l-eċċezzjonijiet:

*«Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom għalhekk jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess għas-segwenti raġunijiet:*

1. *Li in linea preliminari, l-eċċipjent Peter Axisa f'ismu personali mhux il-leġittimu kontradittur stante li Ta' Qali Producers Group (TQPG) hija entità seperata u distinta minnu u hija mogħnija b'personalità ġuridika separata u distinta minnu li ġiet imwaqqfa ai termini tal-**Att dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi**, **Kap. 447 tal-Liġijiet ta' Malta**, senjatament l-**Artikolu 3(1)** tal-istess Att li jipprovdi li «organizzazzjonijiet tal-produtturi li jkunu rikonoxxuti mid-Direttur skont id-dispożizzjonijiet ta' regolamenti magħmulin skont l-Artikolu 19 ikollhom personalità legali distinta minn dik tal-membri tagħhom», kif ukoll ai termini tar-**Regolamenti dwar l-***

***Għaqdiet tal-Produtturi fl-Oqsma tal-Ħaxix u Frott*, *Leġislazzjoni Sussidjarja 447.01 tal-Liġijiet ta' Malta*. Dan il-punt ġie wkoll ikkonfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati ta' Malta fis-sentenza fl-ismijiet ta' *Joseph Sant et v. Peter Axisa pro et noe*, li kopja tagħha hija hawn annessa u mmarkata *Dok PA1* u għalhekk, l-esponent f'ismu personali għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

2. *Li relatat mal-ewwel eċċezzjoni preliminari iżda mingħajr preġudizzju għall-istess, l-eċċipjent Peter Axisa qatt ma kkuntratta f'ismu proprju mar-rikorrent u/jew mal-allegat predeċessur tiegħu u għalhekk ma hemm l-ebda rabta ġuridika bejniethom li tista' ssejjes il-proċeduri odjerni fil-konfront tiegħu personalment.*

3. *Li wkoll relatat mal-ewwel eċċezzjoni preliminari iżda mingħajr preġudizzju għall-istess, l-eċċipjenti kienu dehru fuq l-iskrittura li kopja tagħha ġiet ippreżentata mir-rikorrent stess bħala Dok PS1 u li għaliha saret riferenza fl-ewwel premessa tar-rikors ġuramentat tiegħu flimkien mal-intimat l-ieħor fil-kawża odjerna «...in their capacity as legal and judicial representatives of the producer group Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables).»*

4. *Li wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost u subordinatament, trid tinġieb il-prova li meta ġie tterminat il-management agreement mir-rikorrent b'effett mit-18 ta' Marzu 2014, huwa daħal fil-jeddijiet tal-allegat kreditur preċedenti.*

5. *Li wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost u subordinatament, hija kategorikament miċħuda l-allegazzjoni li l-entità TQPG ma għandhiex responsabbiltà limitata u in ogni każ trid tinġieb prova ta' dan.*

6. *Li marbuta mal-eċċezzjoni preċedenti u mingħajr preġudizzju għall-istess iżda subordinatament, ladarba r-rikorrent qiegħed jallega li TQPG ma għandhiex responsabbiltà limitata, qiegħda titqajjem l-eċċezzjoni li l-ġudizzju mhux integru u jeħtieġ li jiġu msejħa dawk kollha li għandhom jirrispondu għat-talbiet odjerni.*

7. *Li in ogni każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost iżda subordinatament, trid tinġieb il-prova li r-rikorrent huwa s-suċċessur tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.*

8. *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

9. Ġara li Joseph Mary Farrugia miet mal-mixi tal-kawża u billi dan ma

ġiex imħarrek f'ismu personali, b'digriet mogħti fil-15 ta' April, 2019 (f'paġni 346 u 347 tal-atti tal-kawża) l-Ewwel Qorti ordnat li ismu għandu jitneħħa mill-okkju tal-kawża u fl-istess waqt wissiet lill-attur sabiex jieħu dawk il-passi meħtieġa għal-leġittimazzjoni tal-atti.

10. B'digriet ieħor mogħti fl-10 ta' Lulju 2019 (f'paġna 352 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti, fuq talba tal-attur, ħatret lill-Avukata Martha Mifsud u lill-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut bħala kuraturi sabiex *«jirrappreżenta[w] lill-persuna mhux magħrufa tal-entità Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables).»*

11. Imbagħad, b'sentenza mogħtija fis-17 ta' Settembru, 2020, l-Ewwel Qorti qatgħet din il-kawża billi laqgħet it-talba tal-attur u fid-dawl ta' dan ikkundannat lill-konvenuti: Peter Axisa f'isem Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables); lil Dr Martha Mifsud u lil PL Peter Paul Sammut bħala kuraturi biex jirrappreżentaw lil persuna mhux magħrufa b'rappreżentanza ta' Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables) minflok il-mejjet Joseph Mary Farrugia; u lil Saviour Gauci f'isem u b'rappreżentanza ta' Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables), sabiex flimkien bejniethom, iħallsu lill-attur is-somma ta' €73,212.41, bl-ispejjeż kemm tal-kawża kif ukoll dawk tal-mandati kawtelatorji, flimkien mal-imgħax legali mid-data tal-ewwel ittra uffiċjali sad-data li fiha jsir il-ħlas. Barra minn hekk, l-Ewwel Qorti ikkundannat ukoll lill-Peter Axisa

f'ismu personali għall-istess, b'danakollu *in subsidium* u bil-benefiċċju ta' eskussjoni tal-proprjetà tal-konvenuta TQPG.

12. L-Ewwel Qorti wasslet għal din il-konklużjoni fuq is-saħħa ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> *«Illi l-Kodiċi Ċivili jsawwar bil-personalità ġuridika biss lil dawk l-organizzazzjonijiet li jkollhom l-għarfien formali mill-Istat, li trid issir permezz tar-reġistrazzjoni tagħhom fir-Reġistru Pubbliku, sakemm ma jkunx hemm liġi oħra li taħseb għalhekk fil-każ ta' organizzazzjonijiet partikolari. Persuna ġuridika tibqa' teżisti għal dejjem sakemm ma jkunx previst mod ieħor bil-liġi jew bl-att li joħloqha;*
>
> *Illi organizzazzjoni mhux reġistrata mhix persuna ġuridika iżda tgawdi minn għarfien limitat u setgħat legali biex tikseb l-għan speċifiku li għalih tkun ġiet kostitwita. Fost setgħat oħrajn tista' takkwista proprjetà, tiftaħ kontijiet bankarji u timpjega ħaddiema. Tista' tħarrek u tiġi mħarrka. B'danakollu, s-setgħat tagħha huma strettament limitati għal dak li hu neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha u għall-finijiet tal-amministrazzjoni tagħha. L-amministraturi tagħhom huma responsabbli personalment u in solidum bejniethom għat-tħaddim tajjeb tal-beni tal-organizzazzjoni u huma wkoll responsabbli in solidum bejniethom u mal-organizzazzjoni għal kull passiv tagħha, kemm jekk ikun għadhom amministraturi kif ukoll jekk le. Madankollu, normalment huma responsabbli in subsidium mal-organizzazzjoni u għandhom il-benefiċċju ta' diskussjoni (**recte: eskussjoni**);*
>
> *Illi Ta' Qali Producers Group (TQPG) ġie rikonoxxut bħala producer organisation fit-23 ta' Settembru 2005. Il-liġi li tirregola l-organizzazzjonijiet bdiet tapplika mill-1 ta' April 2008. TQPG tilfet ir-rikonoxximent bħala producer organisation fis-16 ta' Mejju 2012. Sa dakinhar kellha personalità ġuridika iżda minn dakinhar saret organizzazzjoni mhux reġistrata, u allura tilfet il-personalità ġuridika tagħha. Skont l-**Art. 2 tal-Kapitlu 447**, «organizzazzjoni tal-produtturi» tfisser organizzazzjoni rikonoxxuta mid-Direttur. Organizzazzjonijiet tal-produtturi «li jkunu rikonoxxuti mid-Direttur skont id-dispożizzjonijiet ta' regolamenti magħmulin skont l-**Art. 19** ikollhom personalità legali distinta minn dik tal-membri tagħhom.» Fil-fehma ta' din il-Qorti, a contrario sensu, organizzazzjonijiet mhux rikonoxxuti m'għandhomx personalità ġuridika. U billi TQPG saret organizzazzjoni mhux rikonoxxuta wara l-1 ta' April 2008, m'hemm l-ebda raġuni l-għala m'għandhiex tapplika l-liġi viġenti. Mhux rilevanti li TQPG ġiet iffurmata qabel l-1 ta' April 2008. Lanqas hija ta' rilevanza d-dispożizzjoni transitorja għaliex din tapplika biss għal organizzazzjonijiet li kienu rikonoxxuti qabel dik id-data skont il-liġi konswetudinarja inkella b'sentenza definittiva tal-Qorti;*

*Illi jirriżulta li Peter Axisa kien l-amministratur ta' TQPG;»*

13. Il-konvenut Peter Axisa appella minn din is-sentenza b'rikors tas-6 ta' Ottubru, 2020, u hemmhekk huwa talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tbiddel is-sentenza appellata billi tikkonfermaha sa fejn ikkonkludiet li TQPG kellha personalità ġuridika, filwaqt li tħassarha sa fejn huwa nżamm responsabbli f'ismu personali għall-ħlas ta' €73,212.41.

14. Bi tweġiba mressqa fis-26 ta' Ottubru, 2020, is-Segretarju Permanenti wieġeb għall-appell tal-konvenut billi ressaq ir-raġunijiet tiegħu għalfejn dan l-appell għandu jiġi miċħud.

15. Aktar tard fit-3 ta' Novembru 2020, l-Avukata Dr. Martha Mifsud u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut bħala kuraturi, qalu li huma kienu qegħdin jagħmlu tagħhom ir-rikors tal-appell tal-konvenut Peter Axisa, madankollu stqarrew li ma jaqblux mat-talbiet tal-appellat fir-rigward tar-responsabbiltà tal-mejjet Joseph Mary Farrugia. Fuq is-saħħa ta' dan huma talbu lil din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn l-Ewwel Qorti kkonkludiet li TQPG kienet tgawdi minn personalità ġuridika, filwaqt li tħassarha *«fil-parti fejn sabet lill-esponenti Joseph Mary Farrugia responsabbli u konsegwentement mhux responsabbli għall-ħlas.»*

16. B'rikors imressaq fis-27 ta' Lulju, 2021 (f'paġni 491 sa 493 tal-atti tal-kawża), l-appellant Peter Axisa fisser li Saviour Azzopardi kien ġie nieqes, u fuq il-premessa li huwa *«ma jafx min issuċċeda lil Saviour Gauci bħala rappreżentant legali tal-entità Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables)»* huwa talab lil din il-Qorti tal-Appell sabiex taħtar kuratur bil-għan li *«jirrappreżenta lil din il-persuna mhux magħrufa f'dan l-appell».*

17. B'digriet mogħti fil-11 ta' Frar, 2022 (f'paġna 513 tal-atti tal-kawża) din il-Qorti ħatret lil Avukat Dr. Victor Bugeja u lil Prokuratur Legali Quentin Tanti bħala kuraturi għall-għanijiet u effetti kollha tal-liġi.

18. Dawn tal-aħħar ġew notifikati bl-atti tal-appell fis-7 ta' Mejju, 2024, (ara t-timbru tal-Purtier Flavio Ghigo f'paġna 523 tal-atti tal-kawża), madankollu huma baqgħu ma ressqu l-ebda tweġiba.

19. Fis-seduta tal-21 ta' Novembru, 2024 din il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet, u minn hemmhekk l-appell tħalla għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

20. Kif anke tixhed it-talba finali tar-rikors tal-appell, b'dan l-appell il-konvenut Peter Axisa qiegħed jilmenta biss minn dik il-parti tas-sentenza

appellata li biha l-Ewwel Qorti żammitu personalment responsabbli għall-ħlas ta' €73,212.41 u dan *in subsidium* ma' TQPG.

21. Ma tressaq l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza li fiha l-Ewwel Qorti żammet lil TQPG responsabbli għall-ħlas tas-somma msemmija, u għalhekk dik il-parti tas-sentenza appellata għaddiet f'ġudikat.

22. Qabel ma tibda tindirizza l-aggravji tal-appellant Axisa, il-Qorti jeħtiġilha tgħid kelmtejn dwar it-talba li tressqet mill-kuraturi l-Avukata Dr. Martha Mifsud u l-PL Peter Paul Sammut, fit-tweġiba tagħhom għal dan l-appell.

23. Bħalma ngħad aktar kmieni, il-kuraturi msemmija qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex min-naħa 'l waħda tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn l-Ewwel Qorti sabet li TQPG kienet mogħnija b'personalità ġuridika separata, filwaqt li tħassarha f'dik il-parti li fiha żammet lil Joseph Mary Farrugia responsabbli għall-ħlas.

24. Il-Qorti tistqarr li hija kemxejn perplessa b'din it-talba, u dan għal iktar minn raġuni waħda.

25. L-ewwel nett, u bil-kuntarju tal-impressjoni ħażina li jidher li għandhom, il-kuraturi ma nħatrux sabiex jirrappreżentaw lill-mejjet Joseph Farrugia, iżda nħatru sabiex *«jirrappreżenta[w] lill-persuna mhux magħrufa tal-entità Ta' Qali Producers Group (Fruit and Vegetables)»* (ara d-digriet tal-Ewwel Qorti f'paġna 352 tal-atti tal-kawża). Li ressqu tweġiba f'isem il-mejjet Joseph Mary Farrugia huwa għalhekk diġà ħażin.

26. Fit-tieni lok, u agħar minn hekk, Joseph Mary Farrugia ma nstabx responsabbli għall-ħlas bħalma jidher li fehmu ħażin il-kuraturi. Mod ieħor, l-Ewwel Qorti mhux biss laqgħet it-tieni eċċezzjoni ta' Farrugia li huwa ma kellux x'jaqsam mal-kreditu mfittex mill-attur, iżda saħansitra ordnat li ismu għandu jitneħħa mill-okkju tal-kawża u dan b'digriet tal-15 ta' April, 2019 (f'paġni 346 u 347 tal-atti tal-kawża).

27. Fl-aħħar nett u f'kull każ, il-kuraturi lanqas ma setgħu fl-att tat-tweġiba għall-appell jitolbu lil din il-Qorti sabiex tħassar parti mis-sentenza appellata. Il-kuraturi la ressqu rikors tal-appell, u wisq inqas ma ressqu xi appell inċidentali. L-unika att li ressqu kienet it-tweġiba tal-appell tat-3 ta' Novembru, 2020, li bil-mod ta' kif tressqet żgur ma tistax titqies li hija xi forma ta' appell inċidentali fis-sura li trid il-liġi (ara l-**Artikolu 240 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**).

28. Għaldaqstant anke mil-lenti proċedurali, il-kuraturi ma mxewx

sewwa, għaliex jekk riedu jitolbu l-bidla ta' xi parti mis-sentenza appellata, huma messhom minn tal-inqas ressqu appell inċidentali (ara f'dan is-sens ***Norman Cutajar et v. Farr Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju, 2020).

29. It-talba tal-kuraturi dwar it-tħassir tas-sentenza appellata «*fil-parti fejn sabet lill-esponenti Joseph Mary Farrugia responsabbli u konsegwentement mhux responsabbli għall-ħlas*» ma tistax għalhekk tintlaqa'.

30. Issa li ġie ċċarat dan, il-Qorti sejra tgħaddi biex tistħarreġ l-aggravji tal-konvenut appellant Peter Axisa.

31. Għalkemm l-appellant qiegħed jaqsam ir-rikors tal-appell tiegħu f'erba' aggravji, fil-fehma tal-Qorti, dawn l-aggravji jidħlu f'xulxin u għalhekk il-Qorti sejra tkun qiegħda tistħarriġhom flimkien.

32. Fl-**ewwel aggravju** l-appellant Peter Axisa qiegħed jargumenta li l-Ewwel Qorti ħawwdet l-istat li TQPG tinsab fih llum, ma' dak l-istat li TQPG kienet tinsab fih meta ffirmat il-ftehim tat-3 ta' Mejju, 2006.

33. F'dan ir-rigward, l-appellant qiegħed jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza biżżejjed li din il-kawża hija dwar obbligazzjoni li

tnisslet fis-sena 2006 u ġiet mġedda matul iż-żmien li fih TQPG kienet għadha magħrufa mid-Direttur tal-Agrikoltura bħala organizzazzjoni tal-produtturi. Jenfasizza li f'dak iż-żmien, TQPG kienet tgawdi minn personalità separata mill-membri tagħha b'riħet l-**Artikolu 3 tal-Att dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi**, u fid-dawl ta' dan jisħaq li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tqis l-obbligazzjonijiet li daħlet għalihom TQPG daqslikieku assumiethom bħala organizzazzjoni mhux reġistrata.

34. Fit-**tieni aggravju** l-appellant qiegħed imbagħad iressaq l-argument li l-Ewwel Qorti ma setgħetx iżżommu personalment responsabbli għall-kontijiet li laħqu nġemgħu sas-16 ta' Mejju, 2012, u sewwasew sa dak iż-żmien li anke skont l-Ewwel Qorti stess, TQPG kienet mogħnija b'personalità ġuridika separata.

35. Hawnhekk, Peter Axisa jirreferi għax-xhieda tar-rappreżentant tal-kumpanija *Automated Revenue Management Services Limited* (ARMS), li hija l-provditur uniku tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma f'Malta, u josserva li sas-16 ta' Mejju, 2012, il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma kienu diġà laħqu nġemgħu fis-somma ta' €48,863.07.

36. Jirraġuna li fl-agħar xenarju għalih, il-konklużjoni ġusta u loġika min-naħa tal-Ewwel Qorti kellha tkun li huwa jinżamm biss responsabbli

għal dawk l-ammonti li nġemgħu f'dak iż-żmien li ġie <u>wara</u> li TQPG tilfet il-personalità ġuridika tagħha. Jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli twettaq dan l-eżerċizzju u minflok qabdet u waddbet ir-responsabbiltà kollha f'ħoġru mingħajr ma huwa qatt ma assumiha.

37. L-appellant jissokta billi jfisser li fi żmien li fih TQPG tilfet l-għarfien tagħha bħala organizzazzjoni tal-produtturi, kien hemm proċess sħiħ u negozjati għaddejjin bil-għan li jsalvaw il-ħidma ta' dik l-organizzazzjoni. Sabiex isaħħaħ dan jgħid li fid-19 ta' Jannar 2013, il-Bord tal-Koperattivi f'Malta kien approva l-applikazzjoni ta' TQPG bħala koperattiva, bl-isem ta' *«Ta' Qali Producers Coop.»* Fi kliem l-appellant din hija prova oħra ċara dwar kemm TQPG kienet għaddejja minn tibdiliet kbar, u filwaqt li jistqarr li l-awtoritajiet baqgħu dejjem jgħarrfu lil TQPG bħala entità separata minnu, jisħaq li fl-ebda waqt ma kien hemm xi ħsieb jew l-iċken suspett li huwa kien qiegħed jinnegozja f'ismu personali.

38. Fit-**<u>tielet aggravju</u>** l-appellant Peter Axisa jirreferi mbagħad lejn id-digriet tal-Ewwel Qorti li bih ċaħdet it-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem il-werrieta ta' Joseph Mary Farrugia, u hawnhekk jilmenta li l-Ewwel Qorti stmatu differenti għaliex ma mxietx miegħu bl-istess xiber li mxiet bih ma' Farrugia.

39. L-appellant jenfasizza li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li żżommu responsabbli f'ismu personali, tistona mhux ftit mal-imsemmi digriet. Jirraġuna li r-responsabbiltà personali jew kienet teżisti sa mill-bidu nett fuq kulħadd jew inkella ma kienet teżisti qatt u fuq ħadd. Jistqarr li huwa ma jistax jifhem kif instab responsabbli f'ismu personali meta Joseph Farrugia kien ukoll bħalu wieħed mill-firmatarji tal-ftehim tat-3 ta' Mejju 2006.

40. Fir-**<u>raba' aggravju</u>** l-appellant Peter Axisa jilmenta li l-Ewwel Qorti skartat għalkollox il-ftehim tat-3 ta' Mejju, 2006 u dak kollu li hemm fih.

41. Itenni li kemm fi żmien li fih ġie ffirmat il-ftehim tat-3 ta' Mejju, 2006, kif ukoll anke meta dan ġie mġedded, TQPG kienet rikonoxxuta bħala organizzazzjoni tal-produtturi, u għalhekk huwa ma setax b'xi mod jew ieħor daħal responsabbli f'ismu personali għal xi obbligu li tnissel b'dak il-ftehim.

42. B'mod partikolari, l-appellant jirreferi għall-Artikolu 22 tal-ftehim tat-3 ta' Mejju 2006, li jgħid: *«[u]pon termination or dissolution of this agreement the producer group Ta' Qali Producer Group (Fruit and Vegetables) will remain totally responsible for its debtors and creditors.»* F'dan il-kuntest, Axisa jisħaq li ftehim jiswa daqslikieku huwa liġi ta' bejn il-partijiet u filwaqt li jilmenta li l-Ewwel Qorti ma tatx kas ta' dak li ġie

miftiehem bejn il-partijiet, jinsisti li l-obbligazzjonijiet imsemmija fil-ftehim tat-3 ta' Mejju, 2006 jorbtu biss lil min daħal għalihom f'dak l-istess ftehim, u sewwasew lil TQPG biss, u ħadd aktar.

43. Il-Qorti wara li qieset l-argumenti kollha tal-konvenut appellant fid-dawl ta' dak kollu li hemm fl-atti, jidhrilha li l-ilmenti ta' Peter Axisa mhumiex fejjieda.

44. Jibda billi jingħad li fil-liġi tagħna, il-personalità ġuridika hija meqjusa li teżisti, *«meta organizzazzjoni tkun rikonoxxuta jew tkun stabbilita bħala persuna ġuridika permezz ta' liġi speċjali jew tkun reġistrata skond id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda jew xi liġi speċjali oħra li tikkonċedi personalità ġuridika»* (ara l-**Artikolu 1(3) tat-Tieni Skeda tal-Att XIII tal-2007**, illum l-**Artikolu 1(7) tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili**).

45. Mhuwiex kontestat li għal dak it-tul taż-żmien li matulu TQPG kienet rikonoxxuta mid-Direttur tal-Agirikoltura bħala organizzazzjoni tal-produtturi, hija kienet tgawdi minn personalità ġuridika separata minn dik tal-membri tagħha, u dan b'riħet l-**Artikolu 3(1) tal-Att dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi**, li f'dak iż-żmien kien jipprovdi kif ġej: *«(1) <u>[o]rganizzazzjonijiet tal-produtturi</u> <u>li jkunu rikonoxxuti mid-Direttur</u> skont id-dispożizzjonijiet ta' regolamenti magħmulin skont l-artikolu 19 ikollhom*

*personalità legali distinta minn dik tal-membri tagħhom*[1]*.*»

46. Minn dan l-artikolu tal-aħħar, qajla għandu jifdal xi dubju, li sa dak iż-żmien li matulu TQPG kienet tgawdi mill-għarfien tad-Direttur tal-Agrikoltura bħala organizzazzjoni tal-produtturi, hija kienet għall-għanijiet u effetti kollha tal-liġi mogħnija b'personalità ġuridika (erġa' ara l-**Artikolu 1(3) tal-Att XIII tal-2007** u l-**Artikolu 1(7) tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili**).

47. Il-qofol ta' kollox huwa però, x'ġara wara s-16 ta' Mejju, 2012 'il quddiem, u sewwasew minn dak il-jum li fih id-Direttur tal-Agrikoltura bagħat javża lil TQPG li l-għarfien tagħha bħala organizzazzjoni tal-produtturi kien qiegħed jiġi rtirat minnufih (ara Dok KD4, f'paġna 87 tal-atti tal-kawża).

48. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taqbel għalkollox mal-Ewwel Qorti meta sostniet li l-**Artikolu 3 tal-Att dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi,** li jlibbes lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi b'personalità ġuridika, jista' jgħodd biss sakemm organizzazzjoni tibqa' rikonoxxuta mid-Direttur.

---

[1] L-**Att dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi** ġie mħassar bl-**Att XXXIV tal-2023**.

49. Tassew, anke mid-definizzjoni ta' *«organizzazzjoni tal-produtturi»* fl-**Artikolu 2 tal-Att dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi**, jidher li mingħajr l-għarfien tad-Direttur, ma jista' jkun hemm l-ebda *«organizzazzjoni tal-produtturi»*, li taqa' fit-termini tal-**Artikolu 3 tal-Att dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi**.

50. Jiġi b'hekk li mill-mument li fih id-Direttur tal-Agrikoltura rtira l-għarfien ta' TQPG bħala organizzazzjoni tal-produtturi, l-**Artikolu 3 tal-Att dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi** ma baqax għalhekk rilevanti.

51. B'daqshekk però ma jfissirx li TQPG tilfet il-personalità ġuridika tagħha mal-mument li fih l-imsemmi artikolu ma baqax japplika għaliha, u dan għaliex wieħed jifdallu jqis jekk fis-16 ta' Mejju, 2012, hija setgħetx tibqa' tgawdi mill-istat ta' persuna ġuridika b'xi mod ieħor li kienet tippermetti l-liġi b'riħet l-**Artikolu 1(3) tat-Tieni Skeda tal-Att XIII tal-2007**.

52. Naturalment, hawnhekk kien però jaqa' fuq spallejn il-konvenut appellant, li kellu jressaq prova dwar kif u x'fatta TQPG baqgħet tgawdi minn personalità ġuridika separata, u dan minkejja li mis-16 ta' Mejju 2012 'il quddiem hija ma baqgħetx magħrufa aktar bħala organizzazzjoni tal-produtturi.

53. Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ, Axisa mhux talli ma weriex li TQPG baqgħet mogħnija b'personalità ġuridika, anzi bil-maqlub, kollox juri mod ieħor.

54. L-ewwel nett, Peter Axisa stess stqarr, li qabel ma ġiet reġistrata bħala organizzazzjoni tal-produtturi mad-Direttur tal-Agrikoltura, TQPG ma kienet reġistrata mkien (ara l-kontroeżami ta' Peter Axisa f'paġni 384 u 385 tal-atti tal-kawża).

55. Fit-tieni lok, l-attur appellat irnexxilu jipprova li mal-mixja taż-żminijiet, TQPG la kienet reġistrata mal-Uffiċju tar-Reġistru għall-Persuni Ġuridiċi (ara l-istqarrija tan-Nutar Dr. Hilary Grech, Dok PS4, f'paġna 172 tal-atti tal-kawża), la fir-Reġistru tal-Kumpaniji (ara Dok AP1 u AP2, f'paġni 165 u 166 tal-atti tal-kawża) u lanqas mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji (ara l-istqarrija ta' Sebastian Micallef, Dok PS5, f'paġna 173 tal-atti tal-kawża).

56. Hekk ukoll, l-attur appellat wera li TQPG lanqas ma kienet ġiet reġistrata bħala koperattiva, u dan minkejja li fir-rikors tal-appell, l-appellant qiegħed jipprova jgħid mod ieħor (ara f'dan is-sens l-istqarrija taċ-Chairperson tal-Bord tal-Koperattivi, Dok PS 174 f'paġna 174 tal-atti tal-kawża)

57. Jirriżulta għalhekk li mis-16 ta' Mejju, 2012 'il quddiem, TQPG ma baqgħet reġistrata mkien. U la hija lanqas ma baqgħet rikonoxxuta bħala persuna ġuridika mill-**Att dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi**, allura din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li TQPG kisbet l-istat ta' organizzazzjoni mhux reġistrata minnufih hekk kif hija ma baqgħetx magħrufa mid-Direttur tal-Agrikoltura bħala organizzazzjoni tal-produtturi.

58. Dwar l-organizzazzjonijiet mhux reġistrati, il-liġi tagħmilha ċara li għalkemm huma magħrufa f'għajnejn il-liġi, dawn *«mhumiex persuni ġuridiċi»* (ara l-**Artikolu 14 tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili**) u għalhekk l-Ewwel Qorti qalet ukoll sewwa li wara s-16 ta' Mejju, 2012, TQPG ma baqgħetx tgawdi minn personalità ġuridika.

59. B'daqshekk però ma jfissirx li dak kollu li kien diġà twettaq minn TQPG sas-16 ta' Mejju, 2012, tħassar jew spiċċa fix-xejn.

60. Tassew, fl-**Artikolu 57(2) tal-Att XIII tal-2007** insibu, li fiha nfisha, it-tneħħija tar-reġistrazzjoni ma timplikax l-istralċ ta' organizzazzjoni, u tali organizzazzjonijiet jistgħu jissoktaw bil-ħidma tagħhom bħala organizzazzjonijiet mhux reġistrati, b'dan illi jsiru soġġetti għall-applikazzjoni tar-regoli rilevanti li hemm fit-**Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili**.

61. Fil-każ tal-lum, kollox juri li anke wara li TQPG ma baqgħetx reġistrata bħala organizzazzjoni tal-produtturi, din ma ġietx stralċjata u minflok issoktat bil-ħidma tagħha. Tant hu hekk, li b'ittra datata 18 ta' Diċembru, 2013, Peter Axisa stess, bħala Kap Eżekuttiv ta' TQPG, għarraf lill-Avukat tas-Segretarjat Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali: *«<u>[w]e are keeping TQPG going</u> at great sacrifice and against all odds...»* (ara Dok MS3 f'paġna 94 tal-atti tal-kawża).

62. Barra minn hekk, Anthony Zarb fisser ukoll li TQPG baqgħet tuża u topera mill-binja li dwarha sar il-ftehim tat-3 ta' Mejju, 2006, u dan minn tal-inqas sat-28 ta' Jannar, 2014 (ara l-affidavit ta' Anthony Zarb, Dok PS9, f'paġna 89 tal-atti tal-kawża).

63. Jirriżulta għalhekk, li bħala stat ta' fatt, TQPG ma waqfitx topera mat-telfien tar-rikonoxximent tagħha bħala għaqda tal-produtturi, u la l-membri u l-bord eżekuttiv tagħha għażlu li jibqgħu għaddejjin bil-ħidma tagħha u ma jistralċjawhiex, mela allura huma kienu qegħdin jaċċettaw li jsiru soġġetti għall-implikazzjonijiet kollha legali, sew dawk tajbin kif ukoll dawk inqas tajbin, li ġġib magħha organizzazzjoni mhux reġistrata.

64. Wieħed mill-vantaġġi ewlenin ta' organizzazzjoni mhux reġistrata

huwa li għalkemm ma tgawdix minn personalità ġuridika, b'danakollu hija xorta waħda tista' tassumi obbligazzjonijiet f'isimha, tant li l-liġi stess tispeċifika li organizzazzjoni mhux reġistrata tista' tkun parti f'kuntratt f'isimha stess u saħansitra tista' tiġi mħarrka u tħarrek f'isimha (ara l-**Artikoli 14(3)** u **(4) tal-Att XIII tal-2007**).

65. Barra minn hekk, il-liġi wkoll tispeċifika li jaqa' fis-setgħat ta' organizzazzjoni mhux reġistrata li twettaq dawk l-atti li huma meħtieġa sabiex dik l-organizzazzjoni twettaq u tikseb l-għanijiet li għalihom hija tkun ġiet espressament imwaqqfa (ara l-**Artikolu 14(6) tal-Att XIII tal-2007**).

66. F'dan il-każ, l-istatut ta' TQPG jagħmilha ċara li waħda mill-miri li għandha x'taqsam mal-ħidma tagħha hija sewwasew: *«li [t]opera, [t]amministra, u [t]mexxi l-post (il-fond immobbli) lil[ha] allokat, minn żmien għal żmien, u li fih isiru l-attivitajiet tal-Grupp u fejn isir ix-xogħol, l-amministrazzjoni u l-operat tal-Grupp»* (silta mill-istatut f'paġna 361 tal-atti tal-kawża).

67. Ġaladarba waħda mill-miri ewlenin ta' TQPG kienet proprju t-tmexxija tal-post li ngħatalha għall-użu tagħha bil-ftehim tat-3 ta' Mejju, 2006, it-telfien tal-personalità ġuridika min-naħa ta' TQPG, ma seta'

naqqsilha xejn mis-setgħat tagħha li tibqa’ marbuta b’dak l-istess ftehim, u għalhekk daqskemm hija baqgħet tgawdi mill-istess jeddijiet li tnisslu bil-ftehim, daqshekk ieħor hija baqgħet marbuta bl-istess responsabbiltajiet kollha li kienet daħlet għalihom f’dak l-istess ftehim, fosthom b’dik dwar il-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma (ara klawsola 12 ta’ Dok PS1, f’paġna 9 tal-atti tal-kawża).

68. Il-bidla fl-istat ta’ TQPG minn organizzazzjoni b’personalità ġuridika għal organizzazzjoni mhux reġistrata, ma seta’ għalhekk biddel xejn mill-obbligi li hija ntrabtet bihom fil-ftehim tas-6 ta’ Mejju, 2006, u f’ċirkostanzi ta’ din ix-xorta, ma tagħmel l-ebda differenza li fi żmien li fih iffirmat dak il-ftehim hija kienet tgawdi minn personalità ġuridika.

69. Wara kollox, anke bil-mod ta’ kif imxiet TQPG, jidher li hija stess kienet qiegħda tagħraf li l-effetti tal-ftehim tat-3 ta’ Mejju, 2006, u tat-tiġdid tiegħu fis-sena 2011, baqgħu jiswew anke wara li hija tilfet l-istat ta’ personalità ġuridika. Fis-sewwa, li ma kienx hekk hija ma kinitx sejra tibqa’ tuża l-istess post li għalih iffirmat il-ftehim tat-3 ta’ Mejju, 2006, sa minn tal-inqas l-aħħar ta’ Jannar tas-sena 2014.

70. L-ilmenti tal-appellant fl-ewwel aggravju huma għalhekk għalkollox artifiċjali, u għal dawn ir-raġunijiet kollha l-ewwel aggravju qiegħed jiġi

miċħud.

71. F'dan il-qafas, din il-Qorti hija wkoll tal-fehma, li ġaladarba TQPG ma ġietx stralċjata, hija baqgħet taħdem bl-istess patrimonju li kellha qabel ma tilfet il-personalità ġuridika tagħha, u għaldaqstant kemm l-attiv kif ukoll il-passiv li TQPG laħqet ġemmgħet sas-16 ta' Mejju, 2012, ma sparixxewx bid-deċiżjoni tad-Direttur tal-Agrikoltura.

72. Fis-sewwa, ma jagħmel l-ebda sens li mill-mument li fih TQPG waqgħet għall-istat ta' organizzazzjoni mhux reġistrata, hija tilfet il-patrimonju li diġà kellha, għaliex li kien hekk, mis-16 ta' Mejju, 2012 'il quddiem, TQPG ma kienx sejjer jifdlilha attiv li bih setgħet tissokta bil-ħidma tagħha bħalma fil-fatt għamlet.

73. Daqskemm TQPG baqgħet tgawdi u taħdem bl-attiv li kellha qabel l-irtirar tal-għarfien tagħha bħala organizzazzjoni tal-produtturi, daqshekk ieħor baqa' hemmhekk il-passiv li hija kienet laħqet ġemmgħet sa dak iż-żmien.

74. Kemm fiż-żmien li fih inġema' l-kreditu inkwistjoni, kif ukoll meta nfetħet din il-kawża, il-liġi kienet tipprovdi li l-amministraturi ta' organizzazzjoni mhux reġistrata, sew jekk ikunu għadhom fil-kariga u

anke jekk le, huma responsabbli *in solidum* bejniethom u *in subsidium* mal-organizzazzjoni għal kull passiv li jkun inħoloq fi żmien li fih dawk l-amministraturi kienu f'dik il-kariga (ara l-**Artikolu 17(3) tal-Att XIII tal-2007**).

75. Minn dan kollu jsegwi li għall-għanijiet tar-responsabbiltà personali tal-appellant Peter Axisa, dak li jħoll u jorbot kollox, huwa biss jekk huwa kienx jaqdi l-funzjoni ta' amministratur ta' TQPG matul dak iż-żmien kollu li fih inġema' l-kreditu mfittex mis-Segretarju Permanenti appellat.

76. Dwar dan, mill-ġabra sħiħa tal-provi jirriżulta li fi żmien li fih TQPG iffirmat il-ftehim tat-3 ta' Mejju, 2006, Axisa kien diġà amministratur ta' TQPG. Kemm hu hekk, mill-ftehim tat-3 ta' Mejju, 2006 (ara Dok PS1 f'paġna 7 tal-atti tal-kawża) jidher li Axisa kien iffirma dak il-ftehim bħala rappreżentant legali u ġudizzjarju ta' TQPG.

77. Mill-istatut ta' TQPG, jirriżulta mbagħad li biex Axisa kien rappreżentant legali ta' TQPG, huwa bilfors kellu jkun membru tal-Bord Eżekuttiv, u la skont l-istess statut il-Bord kien fdat bl-*«amministrazzjoni u l-immaniġġjar»* ta' TQPG, mela allura jsegwi li fi żmien li fih Axisa ffirma l-ftehim tat-3 ta' Mejju, 2006, huwa kien diġà responsabbli mill-amministrazzjoni tal-istess TQPG (ara f'dan is-sens l-istatut ta' TQPG

f'paġni 76, 79, 362 u 367 tal-atti tal-kawża).

78. Jirriżulta wkoll li b'ittra datata 27 ta' Marzu 2008 (ara Dok KD3, f'paġna 86 tal-atti tal-kawża) Axisa stess kien kiteb lid-Direttur tal-Agrikoltura sabiex jgħarrfu li b'effett mit-12 ta' Mejju 2006, huwa kien inħatar bħala President u Kap Eżekuttiv ta' TQPG. Skont l-istatut tal-istess TQPG, biex l-appellant seta' jinħatar President, huwa bilfors kellu jkun membru tal-Bord Eżekuttiv (ara l-istatut ta' TQPG f'paġni 77 u 368 tal-atti tal-kawża), u għaldaqstant il-ħatra ta' Axisa bħala President tkompli tikkonferma kemm Axisa kien tassew membru tal-Bord Eżekuttiv ta' TQPG, li kien fdat bl-amministrazzjoni tal-istess.

79. Terġa' u tgħid, anke wara li s-Segretarju Permanenti appellat waqqaf il-ftehim tat-3 ta' Mejju, 2006, l-appellant Peter Axisa xorta waħda jidher li baqa' mdaħħal sewwa fl-amministrazzjoni ta' TQPG. Tant hu hekk li f'Settembru tas-sena 2014, Axisa saħansitra ressaq kawża kontra s-Segretarju Permanenti appellat kif ukoll kontra l-Avukat Ġenerali, u dan kemm f'ismu personali u bħala rappreżentant tal-Bord Eżekuttiv ta' TQPG (ara s-sentenza preliminari fil-kawża 805/2015LM, mogħtija fit-8 ta' Frar, 2016, f'paġna 175 sa 192 tal-atti tal-kawża).

80. Fil-fehma tal-Qorti, minn dan kollu jidher biċ-ċar li l-appellant Peter Axisa kien tabilħaqq involut fl-amministrazzjoni ta' TQPG għal dak it-tul

taż-żmien kollu li matulu nġema' l-kreditu mitlub mill-attur appellat.

81. Ġaladarba dak l-istess kreditu kien jifforma ħaġa waħda mill-passiv ta' TQPG, l-Ewwel Qorti ma setgħetx ma żżommx lil Axisa responsabbli f'ismu personali u *in subsidium* ma' TQPG, għall-ammont kollu mfittex mis-Segretarju Permanenti appellat (erġa' ara **Regolament 17(3) tal-Att XIII tal-2007**), u għalhekk anke it-tieni aggravju ta' Axisa qiegħed jiġi miċħud.

82. Bl-istess mod u għall-istess raġunijiet, il-Qorti tqis li l-appellant lanqas ma jista' jsib xi wens fil-fatt li l-ftehim li minnu tnissel il-kreditu inkwistjoni ma kienx iffirmat minnu f'ismu personali, iżda f'isem TQPG biss.

83. Ir-responsabbiltà tal-appellant f'din il-kawża ma tnisslitx għaliex huwa kellu xi rabta ġuridika mas-Segretarju Permanenti appellat, iżda biss minħabba r-relazzjoni diretta li huwa kellu ma' TQPG bħala amministratur tagħha. Kien għalhekk biss li l-Ewwel Qorti żammitu responsabbli, u mhux għaliex hija b'xi mod jew ieħor ħarbilha l-fatt li l-ftehim tat-3 ta' Mejju 2006 ma kienx iffirmat minnu f'ismu personali jew inkella għaliex ma tatx kas tal-klawsoli ta' dak l-istess ftehim.

84. Tassew, il-mod li bih l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant responsabbli,

jiġifieri *in subsidium* u bil-benefiċċju ta' eskussjoni kontra l-proprjetà ta' TQPG, huwa l-aqwa xhieda tal-fatt li dik il-Qorti tabilħaqq fehmet sewwa li l-obbligazzjoni li minnha tnissel il-kreditu inkwistjoni kienet proprju ta' TQPG u mhux tal-appellant innifsu. Li kieku ma kienx hekk, l-appellant kien jinżamm direttament responsabbli u mhux biss *in subsidium* għal TQPG.

85. Ir-raba' aggravju tal-appellant Peter Axisa qiegħed għalhekk jiġi wkoll miċħud.

86. Fl-aħħar nett u sabiex ikun ingħad kollox, din il-Qorti jidhrilha li l-appellant ma jistax iqabbel il-qagħda tiegħu ma' dik ta' Joseph Mary Farrugia. B'differenza għall-appellant li tħarrek ukoll f'ismu personali, il-mejjet Joseph Mary Farrugia tħarrek biss f'isem TQPG, u għaldaqstant l-Ewwel Qorti kienet miżmuma milli tistħarreġ ir-responsabbiltà ta' Farrugia, mill-istess lenti li bih hija kejlet ir-responsabbiltà tiegħu.

87. It-tielet aggravju tal-appellant lanqas mhuwa għalhekk mistħoqq, u fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet kollha l-appell ta' Peter Axisa sejjer ikun qiegħed jiġi miċħud kollu kemm hu.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>**

l-appell tal-konvenut Peter Axisa, u għalhekk qiegħda tikkonferma s-sentenza appellata għalkollox.

L-ispejjeż b'rabta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu kollha mill-konvenut Peter Axisa f'ismu personali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da